# 48. Ottubru u Novembru

Bdiet l-ewwel xita, dehret l-ewwel ħdura
fil-mogħxa, fil-ħitan u fil-għelieqi,
irqajja’ rqajja’ ħodor qalb il-ġebel
maħruq mix-xemx.

U biex il-ħaxix ġdid ikollu l-wisa’
fejn jikber u fejn jidher u jinstema’,
l-arja twessgħet bl-indafa, u s-sema tfannad
fil-kħula tiegħu;

U kollox jidher ċar, u ċar jinstema’;
mill-għoli tas-smewwiet l-għasafar jilmħu
lil sħabhom ħdejn ix-xbiek, jaqbdu t-tisfira
tal-kaċċaturi.

Forsi fi żmien bħal dan kien li ta’ Ġakki*
il-fażoliet kibru mill-art sas-sema,
u Ġakki xxabbat magħhom sabiex jisraq
l-arpa tal-ġgant.

** Allużjoni għall-ħrafa Jack and the Beanstalk.*